

Brussell, 1 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11314/26

VISA 73
MIGR 187
RELEX 929
COAFR 207
COMIX 162
CH
IS
LI
NO

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar is-sospensjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-Guinea - Adozzjoni

1. Fil-15 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar is-sospensjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-Guinea¹.
2. Fil-laqgħa tal-Grupp ta' Hídma dwar il-Viża tad-19 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta u sar l-ewwel skambju ta' fehmiet dwarha. Il-kooperazzjoni tal-Guinea dwar ir-riammissjoni ġiet evalwata regolarment fil-laqgħat tal-grupp ta' hídma dwar l-Integrazzjoni, il-Migrazzjoni u t-Tkeċċija (IMEX Tkeċċija), inkluż fis-16 ta' Lulju 2025, it-30 u l-31 ta' Ottubru 2025, u t-13 ta' Jannar 2026. Matul dawn id-diskussjonijiet, il-livell ta' kooperazzjoni tal-Guinea dwar ir-riammissjoni kien ġeneralment evalwat bħala insuffiċjenti.

¹ 11613/25.

3. Minħabba din il-kooperazzjoni insuffiċjenti, fil-laqgħa tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2026, il-grupp ta' ħidma IMEX Tkeċċija ddeċieda li jistieden lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Viża japprova l-proposta dwar il-miżuri restrittivi dwar il-viżi fil-konfront tal-Guinea. Il-proposta mbagħad ġiet approvata fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Viża fil-25 ta' Ġunju 2026.
4. F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Ladarba din id-Deċiżjoni tibni fuq l-acquis ta' Schengen, id-Danimarka għandha, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi, fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar din id-Deċiżjoni jekk hijiex ser timplimentaha fil-liġi nazzjonali tagħha.
5. Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom l-Irlanda ma tiegħu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE; għalhekk l-Irlanda mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
6. Fil-kuntest ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni msemmija hawn fuq kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 11169/26 bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss.

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni ser tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali f'konformità mar-regoli applikabbli.